MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru 373/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Alex Grech)

vs

Caroline Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Caroline Grech detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 244980M, akkuzata talli fit-18 ta’ April, 2006 ghall-habta tat-3:30 p.m., fil-fond numru 49, Ix-Xatt, Kalkara:

1. ikkommettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-vjolenza ai termini ta’ l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9, liema vjolenza kienet diretta kontra l-persuna ta’ Lorenzo Zammit, li ghandu tmenin sena, u bil-mezz, ai termini ta’ l-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9;

2. volontarjament, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9;
3. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lorenzo Zammit, skond kif iccertifika Dr. Anton Bugeja MD mill-Poliklinika ta' Bormla;
4. bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlet vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' haddiehor (Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9).

Semghet fl-udjenza tal-lum l-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insistiet fuqha anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputata biex tigi gudikata quddiem din il-Qorti.

Semghet lill-imputata taghti l-kunsens taghha sabiex tigi gudikata minn dina l-Qorti.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzi migjuba kontra taghha l-Qorti ser tghaddi minnufih biex taghti l-piena.

Rat l-Artikolu 261(a)(b), 262, 263, 264, 265, 266, 274(c), 276A, 277(b), 278, 325(1)(d), 214, 221(1), 222A, 340(d), 17 u 31 tal-Kap 9.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha attinenti u tiddeciedi konsegwentement li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggi lill-imputata taht il-harsien ta' ufficjal tal-Probation ghal tlett snin mill-lum.

Fost il-kundizzjonijiet soliti l-Qorti qeghdha tordna li l-imputata ghandha taht is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation tassoggetta ruha ghal test tal-urina kull hmistax.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------